MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 321/2013

**Jody Pisani**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' Jody Pisani ipprezentat fl-14 ta' Novembru 2013 fejn ippremetta s-segwenti u cioe:-

*"Illi l-esponent applika ghal-licenzja sabiex jaghmilha ta' Gwardjan Privat.*

*Illi fit-23 ta' Ottubru 2013 huwa rcieva risposta minghand l-intimat illi l-applikazzjoni tieghu kienet qed tigi michuda minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku skont l-Artikolu 10(b) tal-Kap 389 (Dok A).*

*Illi huwa hassu ruhu aggravat mid-decizjoni fuq imsemmija tat-23 ta' Ottubru 2013 u qed jintavola appell.*

*Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*Illi l-esponent kien applika ghal-licenzja ta' Gwardjan Privat u ssodisfa r-rekwiziti kollha mnizzla fl-applikazzjoni. Huwa kien applika madwar hames xhur ilu. Huwa ma nghata ebda spjegazzjoni sakemm ircieva l-ittra ta' rifjut.*

*Illi ghalkemm il-Kap 389 jispecifika li tali applikazzjoni tista' tigi rifjutata a bazi ta' interess pubbliku pero` awtorita` pubblika ma tistax tuza din il-bazi minghajr ma tispecifika r-raguni li skont hi tmur kontra l-interess pubbliku. Dan huwa principju bazilari fil-kap amministrattiv. In-nuqqas li tinghata raguni irendi d-decizjoni in kwistjoni irragjonevoli u din il-Qorti ghandha s-setgha tissindika l-istess.*

*Illi f'din ir-rigward issir riferenza ghall-principju Anglosassonu enuncjat fis-sentenza Associated Provincial Picture Houses v. Wednesbury Corporation liema principju gie adottat diversi drabi mill-Qrati taghna. Issir riferenza per ezempju ghas-sentenza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Dingli et vs. Kontrollur tad-Dwana (Deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2009; Appell Civili numru 66/1992/1) fejn insibu s-segwenti:*

> *"Fil-kaz Associated Provincial Picture Houses v. Wednesbury Corporation (1948) 1 KB 223, Lord Greene osserva li the bounds of legal reasonableness f'decizjoni ta' awtorita` pubblika ma jkunux gew osservati jekk id-decizjoni in ezami tkun so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority. Fl-istess kuntest Lord Denning fil-kaz Secretary of State for Education v. Tameside Metropolitan Borough Council (1977) AC 1014 qal li d-decizjoni ma tkunx within the bounds of legal reasonableness jekk tkun so wrong that no reasonable person could sensibly take that view; u Lord Diplock fil-kaz Council of Civil Service Unions v. Minister for the Civil Service (1985) AC 374 qal li decizjoni amministrattiva tkun beyond the bounds of legal reasonableness jekk tkun so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it. Kif gia osservat, fil-kaz in*

*ezami l-konvenuti ma awtorizzawx ir-rilaxx tal-merkanzija importata mill-atturi fuq il-premessa li l-prodott importat minnhom ma kienx jikkwalifika bhala chopped ham skont l-Codex Alimentarius u ghalhekk ma kienx kopert bil-licenzja mahruga favur taghhom. Izda mill-gdid jigi osservat illi fiz-zmien in kwistjoni l-Codex Alimentarius ma kienx jifforma parti mil-ligi domestika u l-kriterji stabbiliti fih dwar x'jammonta ghal chopped ham ma kienux indikati bhala kondizzjonijiet fil-licenzja ta' importazzjoni mahruga favur l-atturi".*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tal-intimat kif kontenuta f'ittra tat-23 ta' Ottubru 2013 u konsegwentement jordna illi tinghatalu l-licenzja ta' Gwardjan Privat u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 11 ta' Dicembru 2013 fejn eccepixxa s-segwenti u cioe:-

"

1. *Illi preliminarjament, għal kull buon fini, jiġi rilevat illi sal-lum, għadha ma saret l-ebda notifika ta` dan ir-rikors lill-Uffiċċju ta` l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu 3 ta` l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta, u għalhekk, għalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat fit-28 ta' Novembru, 2013, it-terminu ta` għoxrin jum skont dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;*

2. *Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut maħruġa mill-istess esponent fil-konfront tar-rikorrent Pisani ai termini tal-artikolu 10 (b) tal-Kap 389, u dan kif se jirriżulta mill-provi;*

4. *Illi in oltre' ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 389 tal-liġijiet ta' Malta "f'każ ta' rifjut taħt l-Artikolu 10 (b) ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenzja tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku" kif ġie indikat b'mod ċar fl-ittra ta' rifjut imsemmija, u jista' ma jagħtix raġunijiet dettaljati;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponent bl-akbar rispett jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra l-verbal tal-4 ta' Frar 2014 fejn id-difensur tal-Kummissarju intimat iddikjarat li mhux qed tinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni u ghaldaqstant kienet qieghdha tirtiraha;

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi[1] u tar-rikorrent Jody Pisani[2];

Ra l-affidavits tal-Ispettur Raymond Cassar u tal-Ispettur Angelo Gafa`[3];

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet u mix-xhieda prodotti;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ipprezentata fis-7 ta' Awissu 2014;

Ra n-nota responsiva tal-Kummissarju intimat ipprezentata fit-30 ta' Settembru 2014;

Ra illi r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qieghed jappella mid-decizjoni tal-Kummissarju intimat li permezz taghha gie mgharraf illi l-applikazzjoni tieghu ghall-hrug ta' licenzja ta' Gwardjan Privat kienet qieghdha tigi rifjutata minhabba ragunijiet ta' interess pubbliku skond l-Artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389.

---

1 Riportata f'fol. 22A u 22B,  fol. 45 sa fol.46, u fol. 59 sa fol. 61
2 Riportata minn fol. 40 sa fol. 43, u fol. 45 sa 46
3 A fol. 69 u 70

Illi l-imsemmi artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali) jghid is-segwenti:-

***10.*** *Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*…*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza"*

Illi fix-xhieda tieghu ir-rikorrent spjega li fil-prezent huwa ghandu impjieg bhala xufier mac-*Chairman* ta' St. James Cavalier. Pero` jistqarr li l-familja tieghu avvjat Kumpanija bl-isem ta' *"Protection Services"* li hija Kumpanija li tipprovdi servizzi ta' sigurta` u ghalhekk ghandu bzonn il-licenzja in kwistjoni biex ikun jista' jahdem fl-istess Kumpanija bhala xoghol *part-time*.

Illi da parti tieghu, il-Kummissarju intimat ressaq bhala xhud lill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi li spjegat li r-rikorrent instab hati mill-Qrati taghna fi tlett okkazzjonijiet differenti. Illi s-sentenzi esebiti mill-istess Spettur jirrigwardaw is-segwenti u cioe:-

1. Illi skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-**14 ta' Gunju 2006,** ir-rikorrent instab hati, wara li ammetta, tal-akkuzi ta' ricettazzjoni, ta' frodi u falsifikazzjoni u reati ancillari maghhom u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;[4]

2. Illi b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-**22 ta' Ottubru 2007**, ir-rikorrent instab hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u talli kiser kundizzjoni imposta fuqu permezz tas-sentenza moghtija fl-14 ta' Gunju 2006. Ir-rikorrenti kien ammetta l-akkuzi u gie

[4] Dok SZ2 a fol. 26 sa 28

kkundannat  Lm100 multa u kif ukoll gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;[5]

3. U b'sentenza ohra tal-**20 ta' Novembru 2009,** ir-rikorrent gie akkuzat bir-reati ta' uzura u li bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza` li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Ir-rikorrenti ammetta ghal dawn l-akkuzi u gie kundannat multa ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2300) u tpogga taht ordni ta' *probation* ghal sentejn.[6]

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti instab hati ta' delitti kontra l-fiducja pubblika, kontra l-proprjeta`, u kontra l-persuna.  Illi jirrizulta wkoll illi dawn il-Qrati dejjem ittrattaw mar-rikorrent b'pieni li mhumiex karcerarji pero jirrizulta illi f'zewg okkazjonijiet huwa rega' xellef difru mal-gustizzja minkejja dan.  Illi huwa veru wkoll illi mill-2009 ir-rikorrent ma regghax tressaq bl-ebda tip ta' akkuza quddiem dawn il-Qrati.

Illi l-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi spjegat illi meta l-Pulizija rat il-fedina penali tar-rikorrent u t-tip ta' akkuzi li gie akkuzat bihom, l-istess Pulizija kienet tal-fehma illi r-rikorrent ma jistghax jigi fdat ghat-tip ta' xoghol li jista' jigi mwettaq minn gwardjan privat.  Illi hija esebiet ukoll kampjun ta' applikazzjoni ghal licenzja ta' Agenzija ta' Gwardjani Privati fejn hemm elenkati t-tip ta' servizzi li tali Agenzija tista' tapplika ghalihom u li naturalment il-gwardjani privati addetti maghha jistghu jigu ordnati jwettqu.

Illi ghalhekk il-pern ta' dan l-appell huwa jekk id-decizjoni tal-Kummissarju intimat li jirrifjuta l-hrug ta' licenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent kinitx wahda ragjonevoli jew le fic-cirkostanzi.

---

[5] Dok SZ4 a fol. 35 sa 36
[6] Dok SZ3 a fol. 29 sa 32

Illi ma hemmx dubju li r-reati kommessi mir-rikorrenti jistghu jigu kkunsidrati bhala reati serji anke jekk dawn il-Qrati kienu ghal iktar minn darba klementi mieghu. Ma hemmx dubju wkoll u rrizulta car illi r-rikorrent minkejja li gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'zewg okkazjonijiet, huwa rega' wettaq reati ohra.

Illi ghalhekk wiehed irid iqis jekk f'dawn ic-cirkostanzi partikolari l-Kummissarju intimat setghax ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni illi r-rikorrent m'ghandux karattru affidabbli u li ghalhekk mhux fl-interess pubbliku li jinghata licenzja biex jahdem bhala gwardjan privat.

Illi dan it-Tribunal ma jistghax ma jikkummentax illi l-provi tar-rikorrenti huma skarsi hafna biex jaghtu sostenn ghal dak sottomess minnu. Ir-rikorrent ma pproduca l-ebda xhud li seta' jaghti prova tal-affidabilita` tieghu bhala haddiem u dan nonostante li huwa jistqarr li jahdem bhala xufier mac-*Chairman* tal-Kavallier ta' San Gakbu. Il-provi tieghu huma xotti ghall-ahhar u certament kieku pproduca mqar xi persuna li setghet taghti dawl iktar fuq l-operat tieghu fil-prezent kien ikun ferm aktar siewi.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-esponent jirrileva illi r-raguni xotta tar-rifjut tal-Kummissarju intimat wasslu biex ma jkunx f'posizzjoni proprja li jintavola appell bi piena konoxxenza tal-mertu tar-rifjut. Ir-rikorrent jigbed b'analogija ghall-kaz tieghu il-kaz fl-ismijiet **Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija[7].** F'dik is-sentenza il-Qorti kienet awspikat li meta l-Kummissarju intimat jaghti d-decizjoni tieghu f'kazijiet simili huwa jaghti spjegazzjoni aktar dettaljata milli semplicement jiddikjara li applikazzjoni giet rifjutata a bazi ta' l-interess pubbliku.

[7] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) 6 ta' Mejju 2014

Illi dan it-Tribunal jerga' jawspika dak ribadit fid-decizjoni su citata pero ma jhossx li r-rikorrent kien totalment fid-dlam meta waslitlu d-decizjoni tar-rifjut. Huwa kien ben konsapevoli tas-sentenzi kriminali fil-konfront tieghu u ghaldaqstant ma jistghax jinghad illi dan l-appell *"kien semplicement qabza fid-dlam."*

Illi r-rikorrenti jkompli jigbed analogija mas-sentenza su citata u jikkwota lil dan it-Tribunal, diversament presjedut, jirritjeni illi talba ghal tigdid ta' licenzja li tigi michuda fuq il-bazi tal-interess pubbliku tirrikjedi ezercizzju iktar approfondit minn semplici ezami ta' dokumentazzjoni, partikolarment meta c-cahda tista' teffettwa l-posizzjoni lavorattiva ta' l-applikant.

Illi dan it-Tribunal jirrileva illi fis-sentenza ta' **Anton Mario Sciberras,** citata mir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, dak li kien gie michud ma kinitx licenzja gdida imma **<u>tigdid ta' licenzja</u>** u kien ghalhekk li t-Tribunal ghamel enfasi ghal ezercizzju aktar approfondit ghaliex f'tali kaz persuna tkun ghadha tesercita l-istess professjoni sa qabel proprju tissottometti l-applikazzjoni taghha ghat-tigdid tal-licenzja.

Illi ghalkemm huwa veru, kif jishaq ir-rikorrenti, illi s-sentenzi li nghataw fil-konfront tieghu kienu tnejn liberatorji u wahda ta' *probation*, u li ai fini tal-artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali) dawn ma jistghux jittiehdu bhala sejba ta' htija, dan ma jfissirx illi l-Kummissarju intimat ma jistghax johodhom in konsiderazzjoni ai fini ta' artikolu 10 (b) tal-istess Att meta jigi biex iqis persuna hix affidabbli jew le biex tinghata licenzja ta' Gwardjan Privat.

Illi finalment dan it-Tribunal josserva illi ghalkemm l-esponent jahdem bhala xufier, dan ma jfissirx li b'daqshekk ghandu jkollu dritt awtomatiku li jottjeni l-licenzja ta' Gwardjan Privat, liema licenzja taghti lok li wiehed ikun f'kuntatt dirett kemm ma' kull xorta ta' nies, ma' kull xorta ta' sitwazzjonijiet u kif ukoll

potenzjalment ma’ ammonti kbar ta’ flus. Illi kif gie tajjeb sottomess mill-Kummissarju intimat fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, ix-xoghol ta’ gwardjan privat huwa xoghol li jitlob certa dedikazzjoni u responsabbilita`.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal, ihoss illi tenut kont tas-sentenzi kriminali li nghataw fil-konfront tar-rikorrent u tal-fatt illi r-rikorrent kiser il-liberta` kundizzjonata ghal iktar minn darba, id-decizjoni tal-Kummissarju intimat kienet fic-cirkostanzi wahda ragjonevoli.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 23 ta’ Ottubru 2013 u filwaqt li jastjeni mili jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat sante li din giet irtirata, qieghed jilqa’ t-tieni, t-tielet u r-raba eccezzjoni tal-istess Kummissarju.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------